MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1848/1999/1

**Mary Grace Scicluna**

**vs**

**Joseph Scicluna**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' April 1989 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal minuri;

Illi l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt in atti Dottor Carmelo Lia tal-15 ta' Gunju 1999;

Illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg kien vizzjat u ma kienx liberu u hieles peress illi nkiseb bi pressjoni u biza'

kif ukoll vjolenza morali peress illi l-attrici nqabdet tqila qabel iz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat peress illi nkiseb b'qerq min-naha tal-konvenut illi heba fatti illi ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza illi mix-xorta u mis-serjeta' taghhom fixklu serjament il-hajja mizzewga bejn il-partijiet;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat peress illi l-konvenut afflitt minn anomalija psikologika serja illi tul iz-zwieg innifsu ghamlitha mpossibbli ghall-istess konvenut illi jaghraf u jaqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat peress illi l-konvenut b'konsegwenza tal-istess problemi psikologici minn liema huwa afflitt ma kellux diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga kif ukoll fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha illi ghamlitha mpossibbli ghall-istess konvenut illi jaqbdi l-istess obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tat-8 t'April 1989 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici tal-20 t'Awissu 1999 li permezz taghha esebiet ic-certifikat taz-zwieg bejnha u l-konvenut.

Rat il-verbali tad-19 ta' Mejju 2000 u tat-23 ta' Gunju 2000.

Rat in-nota tal-attrici tad-19 ta’ Settembru 2000 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tas-16 t’Ottubru 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Audrey Demicoli bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 13 ta’ Novembru 2000 fejn talbet li tigi awtorizzata tressaq il-provi taghha permezz tal-affidavit.

Rat il-verbal tat-13 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti laqghat it-talba tar-rikors tal-attrici b’dan li l-istess affidavit jigi notifikat skond il-ligi.

Rat in-noti tal-attrici tas-26 ta’ Frar 2001 li permezz taghha pprezentat l-affidavit ta’ Mary Farrugia; tas-7 ta’ Marzu 2001 li biha esebiet l-affidavit iehor ta’ Mary Farrugia; tat-3 t’April 2001 li permezz taghha esebiet zewg dokumenti; tal-10 t’April 2001 fejn biha pprezentat l-affidavits ta’ Sonya Seychell u Patricia Bugeja; u tal-20 t’April 2001 li permezz taghha esebiet kopja ta’ sentenza.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 12 ta’ Lulju 2001 fejn talbet lil Qorti sabiex tezenta lil Dr. Victor Shields u Dr. Peter Muscat mis-sigriet professjonali u tawtorizzahom jixhdu quddiem il-Perit Legali, filwaqt li tawtorizza lil Dr. Shields jipprezenta kopja ta’ rapport li hemm referenza ghalih fl-atti tal-kawza.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Settembru 2001 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors attrici tat-12 ta’ Lulju 2001; tat-13 ta’ Novembru 2001 fejn il-Qorti laqghat it-talba kif imressqa fl-istess rikors b’dan illi din tinghata fis-sigriet u tkun accessibbli biss ghall-partijiet u d-difensuri taghhom u ghall-istess Qorti; tat-23 ta’ Jannar 2002; tat-12 t’April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tad-9 t’Ottubru 2002 fejn il-Perit Legali Dr. Audrey Demicoli rritornat lura l-process *stante* li rredigiet ir-rapport li kellu jigi pprezentat dakinhar stess;

tal-21 ta’ Novembru 2002 fejn l-istess Perit Legali halfet ir-rapport. Dr. Ilona Blackman ghall-attrici rrimettiet ruhha ghar-rapport, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 29 ta’ Mejju 2003.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza l-konvenut baqa’ ma pprezenta l-ebda nota t’eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali u s-seduti minnha mizmuma, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attrici** xehdet bil-procedura tal-affidavit u anke *‘viva voce’.* Hija qalet li saret taf lill-konvenut meta kellha (16)sittax-il sena u l-konvenut kellu wiehed u ghoxrin (21) sena. Hija tghid li kienu johorgu flimkien is-Sibt u l-Hadd bejn is-6:00 p.m. u d-9:30 p.m. u li dak iz-zmien hi ma kenitx taf x’kien jaghmel il-konvenut malli jehodha d-dar. Wara sena u nofs li kienu ilhom johorgu flimkien l-attrici nqabdet tqila u l-partijiet izzewgu tliet xhur wara. L-attrici tispjega li hija kienet thoss li l-familja tal-konvenut ma tantx kienet tikkalkolaha u din is-sitwazzzjoni kompliet anke wara z-zwieg meta l-istess familjari rarament kienu jzuru d-dar tal-partijiet, u dan anke meta t-tfal kienu jkunu ma jifilhux jew meta t-tifla ghamlet operazzjoni.

Illi l-attrici tispjega li zewgha jbaghti minn kundizzjoni msejha *exhibitionism* u li huwa ghamel zmien imur ghand Dr. Victor Shields minhabba din il-kundizzjoni, liema Dr. Shields kien tal-opinjoni li din il-marda kienet torigina minn tfulitu. L-attrici ssostni li hija zgur ma kenitx tizzewweg lill-konvenut kieku kienet a konoxxenza ta’ din il-problema. Hija qatt ma qabditu jaghmel xejn in konnessjoni ma’ din

il-problema qabel iz-zwieg. Kien hemm diversi okkazjonijiet fejn il-konvenut kien jirritorna tard wara x-xoghol u xi sentejn wara z-zwieg, meta l-attrici kienet sitt xhur tqila bit-tieni tarbija, rceviet telefonata anonima minghand mara li qaltilha li l-konvenut kien qed ifittixha l-fabbrika u jikxef il-parti genitali tieghu. Il-konvenut meta konfrontat b'dan il-fatt cahad u spjega lill-attrici li kien hemm xi hadd jghir ghalihom. Wara sena l-attrici rceviet telofonata ohra minghand mara differenti li staqsietha b'certu kunfidenza sabiex tkellem lill-konvenut u din il-persuna identifikat ruhha bhala wahda li tahdem il-Gzira.

Illi skond l-attrici l-konvenut kien juri affezzjoni lejn l-attrici quddiem in-nies izda meta kienu jkunu d-dar wehedhom huwa kien jinjoraha. Dejjem skond l-attrici, il-konvenut kien juri kunfidenza zejda ma' nisa ohrajn fil-prezenza taghha u huma kellhom xi jghidu dwar dan il-fatt. Peress li l-konvenut kien l-ewwel gharus li kellha, l-attrici ma setghat tipparagunah ma' hadd aktar u meta kienet tikkonfrontah dwar il-mod kif kien jagixxi huwa kien jghidilha li kulhadd kien bhalu. Fl-1994 kien mar pulizija d-dar tal-partijiet li kkonsenja lill-attrici karta fejn kien hemm imnizzel li l-konvenut kellu jidher il-Qorti peress li kien akkuzat li kkommetta gesti oxxeni fil-pubbliku. F'din l-okkazjoni l-konvenut qal lill-attrici li kulma kien ghamel kien li ghamel l-awrina barra t-triq. Qabel din l-okkazjoni l-attrici tghid li l-Pulizija kienu marru darbtejn id-dar jistaqsu ghall-konvenut u qalulha sabiex tghidlu jmur l-Ghassa. Il-konvenut kien qal lill-attrici li dawn rieduh ghaliex kellu jwahhal xi *alarm* l-Ghassa peress li huwa kien jaghmel xoghol ta' *electrician*. F'okkazjoni ohra l-konvenut kien mar l-Ghassa mal-Pulizija u dam hafna ma gie lura, meta eventwalment irritorna huwa kien qal lill-attrici li l-Pulizija kienu qed jigbru lil kull min kellu *"Lada"* bajda peress li kien sar *hold-up,* izda l-ghada hija skopriet mill-ahbarijiet li zewgha kien gie mressaq il-Qorti ghaliex kien ghamel gesti oxxeni hdejn l-iskola tal-hjata, il-Marsa. Darb'ohra l-konvenut kien gie arrestat ghaliex kien kixef il-parti tieghu quddiem tfajla ta' erbatax-il sena u ttantaha. Huwa kien tressaq il-Qorti fuq dan l-incident u fost l-akkuzi migjuba kontrih kien hemm dik li hajjar ghall-prostituzzjoni. Wara li tressaq il-Qorti l-konvenut kien spjega lill-attrici li huwa

kien ilu b'dan il-vizzju sa minn mindu kellu tmintax-il sena u ma seta' jaqtghu b'xejn. Huwa ammetta wkoll li meta kienu gharajjes, wara li kien iwassal lill-konvenuta d-dar, huwa kien imur f'postijiet fejn jista' jesibixxi l-parti tieghu u kien qalilha wkoll li meta kienet tqila kien mar ma' xi prostituti. F'din l-okkazjoni l-konvenut ammetta mal-attrici li huwa kien izzewweg ghaliex haseb li *una volta* li jkun jista' jaghmel l-att sesswali meta jrid, ma jkollux il-htiega li jaghmel dawn l-affarijiet. Il-konvenut kien qal lill-attrici li meta kien jahdem f'fabbrika fil-bidu taz-zwieg huwa kellu xi relazzjonijiet ma' nisa ohra izda huwa qalilha wkoll li ser jirriforma ruhu u talabha tahfirlu. L-attrici tghid li wara ndunat li huwa ghamel hekk sabiex jevita li jmur il-Habs. L-attrici tkompli tghid li l-konvenut kien instab hati fuq l-akkuzi migjuba kontrih u kien tqieghed ghal sentejn fuq *probation* u tpogga taht il-kura ta' Dr. Victor Shields. Xahrejn qabel ma ghadda dan il-perijodu tal-*probation* il-konvenut kien ittanta tfajla ohra u l-Qorti kienet ordnatlu jmur ghand Dr. Peter Muscat.

Illi l-attrici ssostni li mhux l-ewwel darba li kienet issib lill-konvenut fuqha jesigi l-att sesswali, anke meta ma kenitx trid taghmel dan. Hija tghid ukoll li *pysiotherapist* ta' bintha, li hija handikappata, certu Sonia Seychell, ma baqghatx tmur id-dar taghhom sabiex tikkura t-tifla ghaliex il-konvenut kien uriha affarijiet oxxeni minn fuq l-*Internet* meta l-attrici ma kenitx id-dar. Il-konvenut kien dilettant tal-kompjuter u tal-*internet* u l-attrici skopriet li huwa kien qieghed jittrasmetti permezz ta' *web camera* mmagni tieghu qed jimmasturba. Hija esebiet *floppy disc* b'dawn l-immagini (Dok. “XX1”). Kien f'din l-okkazjoni li l-attrici ddecidiet li titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tghix mal-ġenituri taghha.

Illi l-attrici tghid li hija giet ingannata ghaliex kieku kienet taf dwar din il-problema ma kenitx tizzewweg lill-konvenut u tghid ukoll li meta zzewget kienet taht pressjoni mill-genituri taghha li kien mohhom f'dak li jghidu n-nies. L-attrici tikkonkludi billi tghid li hija u l-konvenut qatt ma kienu jiddiskutu xejn ghaliex huwa mill-ewwel kien jibda jghajjat u tghid ukoll li mmedjatament qabel it-tieg, Robert

hu l-konvenut, llum mejjet, kien sab lill-istess konvenut wahdu jibki u kien qallu li z-zwieg ma kienx soluzzjoni.

Illi **Joseph Farrugia**, missier l-attrici, xehed li l-attrici bdiet tohrog mal-konvenut meta kellha biss sittax-il sena u kienet ghadha l-iskola. Wara ftit l-attrici kienet qalet lilu u lil martu li harget tqila u ghalhekk huma ghamlu minn kollox biex izewguha lill-konvenut li kien missier it-tarbija. Dan ix-xhud spjega li huwa hass li l-attrici bilfors kellha tizzewweg minhabba t-tqala. Missier l-attrici jghid li ftit wara li l-partijiet izzewgu, meta l-attrici kienet tqila, hu u martu kienu skoprew li l-konvenut kien qed ikollu relazzjonijiet extra-konjugali u xi zmien wara l-attrici kienet qaltilhom li l-konvenut kien ikollu x'jaqsam ma' prostituti. Skond dan ix-xhud l-attrici damet tghix mal-konvenut ghaxar snin u tul iz-zmien kollu dawn il-problemi baqghu jippersistu. Dan ix-xhud jispjega wkoll li huma familja tradizzjonali u rabbew lill-attrici b'certu valuri religjuzi u jghid li meta l-attrici kienet tkellimhom dwar il-problemi li kellha fiz-zwieg, hu u martu kienu jippruvaw iberrdu l-affarijiet u jikkonvincuha tahfer lill-konvenut.

Illi **Mary Farrugia**, omm l-attrici, tikkonferma dak kollu li qal zewgha u tghid li l-familja tal-konvenut ma tantx kienu *close* u li ma tantx kien hemm imhabba bejniethom fil-familja. Huma qatt ma wrew imhabba lejn l-attrici u lejn uliedha. Din ix-xhud tghid ukoll li ma kellhiex relazzjoni tajba mal-konvenut fis-sens li huwa ma kienx ikellimha jekk ma tkellmux hi u tghid ukoll li mal-attrici kien zorr hafna waqt li mal-barranin kien kollu hlewwa. Dwar iz-zwieg, din ix-xhud tghid li haditha bi kbira hafna meta saret taf li l-attrici kienet harget tqila, specjalment ghaliex hija kienet ghadha zghira hafna. Hija qalet ukoll li l-partijiet kienet marru ghand Dun Anton Gouder li kien tahom parir sabiex ma jizzewgux, izda l-konvenut ried jassumi responsabbilta' ghal dak li ghamel u ried li t-tarbija titwieled fiz-zwieg. Omm l-attrici tghid li hija u zewgha kienu marru jkellmu lill-familja tal-konvenut u kienu qablu li jghinu lill-partijiet. Din ix-xhud qalet ukoll li meta bintha nfirdet minn mal-konvenut, hija giet avvicinata minn diversi nisa li qalulha li l-konvenut dejjem kien jaghmel certu affarijiet izda li huma qatt ma qalulha xejn

qabel minhabba l-fatt li l-attrici kienet tqila. Din ix-xhud taghmel riferenza ghal okkazjoni fejn kienet prezenti ghal glieda bejn bintha u l-konvenut u semghet lill-attrici tghid lill-konvenut li huwa kien dejjem trattaha bhal mara tat-triq.

Illi **Dr. Victor Shields**, li gie debitament ezentat mis-sigriet professjonali permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-13 ta' Novembru 2001, spjega li huwa kien gie nominat mill-Qorti tal-Magistrati permezz ta' digriet tat-12 ta' Dicembru 1995 fl-atti tal-kumpilazzjoni **"Il-Pulizija vs Joseph Scicluna"**, u cjoe' l-konvenut fil-kawza odjerna sabiex ihejji rapport dwar il-konvenut u jsegwi l-progress tieghu. Dr. Shields qal li huwa *clinical psychologist* u li inizjalment kien jara l-konvenut *ex parte*. Dan ix-xhud esebixxa kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, kif ukoll kopji tar-rapporti mhejjija minnu u rigwardanti l-konvenut (Dok. "VS 1", Dok. "VS 2" u Dok. "VS 3") u spjega li l-konvenut ibaghti minn kundizzjoni msejha bhala esibizzjonizmu.

Illi huwa jiddefinixxi din il-kundizzjoni bhala perverzjoni sesswali u jghid li hafna drabi din il-kundizzjoni tkun ilha tifforma u hija dipendenti mit-trobbija tal-bniedem. Dan ix-xhud esebixxa notamenti bil-miktub (Dok. "VS 4") fejn jaghti spjegazzjoni dettaljata dwar din il-kundizzjoni li huwa jiddeskrivi bhala anomalija psikologika.

Illi **Patricia Bugeja**, il-kugina tal-attrici qalet li din tal-ahhar kienet tiftah qalbha maghha dwar il-problemi li kellha fiz-zwieg u spjegat li l-attrici zzewget ghaliex harget tqila. Din ix-xhud qalet ukoll li hija kienet akkompanjat lill-attrici ghand *marriage counsellor* izda mbaghad hija kienet ddecidiet li tissaporti. Patricia Bugeja rrakontat incident fejn rat lill-konvenut fid-dar tal-partijiet jaghti kunfidenza zejda lil certu Alison, habiba tal-attrici, u jaqbdilha certu partijiet tal-persuna taghha.

Illi **Sonia Seychell**, il-*pysiotherapist* ta' Ruby Anne, bint il-partijiet, xehdet dwar incident fejn waqt li l-attrici kellha tohrog, il-konvenut kien ghajtilha u beda juriha ritratti oxxeni fuq il-kompjuter. Huwa kien qalilha biex ma tghid xejn lill-attrici *stante* li din tal-ahhar ma tantx kienet tiehu

gost b'dawn l-affarijiet. Din ix-xhud kompliet tghid li wara dan l-incident hija ma regghetx marret aktar id-dar tal-partijiet.

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-attrici ma ndikatx taht liema sub-incizi tal-**Artikolu 19 tal-Kap. 255** hija qed titlob li z-zwieg celebrat fit-8 ta' April 1989 jigi dikjarat null u bla effett, izda mill-premessi tac-citazzjoni jidher car li hija qed tinvoka s-**sub-incizi (a), (c) u (d)** tal-imsemmi **artikolu 19**.

Illi l-attrici tippremetti li l-kunsens taghha ghaz-zwieg ma kienx liberu u nkiseb bi vjolenza (fizika jew morali) jew biza Dan il-*capus nullitatis* gie ezaminat diversi drabi mill-Qrati taghna. Fis-sentenzi li nghataw fil-kawzi fl-ismijiet **"John sive Ivan Sammut vs Michelle Sammut"** (P.A. 22 ta' Gunju 1995), **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (P.A. 14 t'Awissu 1995) u **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** (P.A. 3 t'Ottubru 1995) gie spjegat li r-relazzjoni bejn il-vjolenza morali (a differenza ta' dik fizika, li fil-kaz in dizamina certament ma kienetx tezisti) u l-biza' hija wahda ta' kawza u effett. Fil-kawza fl-ismijiet **"Rosanne Cassar vs Kenneth Cassar"** (P.A. 19 t'Ottubru 1998) il-Qorti qalet hekk:-

*" …. Biex jista' jinghad li l-kunsens ikun ivvizjat bil-biza' fis-sens tal-ligi taghna, jehteg li dik il-biza' tkun tali li mhux biss akkompanjat il-kunsens izda iddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Fi kliem iehor il-biza' trid tkun, fil-kaz konkret, ta' certu portata b'mod li tkun tista' tiddetermina kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Il-kunsens matrimonjali jkun inghata minhabba. Il-biza' u mhux minkejja dik il-biza' ".* (*sottolinear* tal-Qorti).

Illi naturalment biex wiehed jara jekk tezistix din il-biza', jridu jigu ezaminati l-fatti u c-cirkostanzi kollha, sew dawk li precedew iz-zwieg kif ukoll dawk vicin u aktar qrib id-data taz-zwieg. Fis-sentenzi hawn fuq citati nghad li l-vjolenza morali jew biza' in dizamina jrid ikollha kawza esterna ghal persuna li tkun qed tissubixxi dik il-vjolenza

jew biza'. Mill-kumpless tal-provi l-esponenti ma jidhrilhiex li l-attrici resqet ghaz-zwieg u tat il-kunsens taghha minhabba xi biza' rresistibbli, li fil-kaz konkret ma hallitilha ebda ghazla. Huwa veru li l-genituri tal-attrici haduha bi kbira hafna meta saru jafu li hija kienet harget tqila u heggewha sabiex tizzewweg, izda l-Qorti hija tal-istess fehma tal-Perit Legali li b'daqshekk ma jistax jinghad li din il-pressjoni kienet tammonta ghal xi biza' rrezistibbli li ddeterminat kompletament l-ghoti tal-kunsens tal-attrici.

Illi l-Qorti nnutat li l-istess perit legali ezaminat bir-reqqa il-provi mressqa mill-attrici, b'mod partikolari x-xhieda tal-istess attrici u x-xhieda ta' Dr. Victor Shields, u hija jidhrilha li bhalma ghamel l-istess Perit Legali, hija ghandha tikkoncentra fuq dak li jipprovdi l-**paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255**, u cjoe' meta l-kunsens ikun vizzjat peress li nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga bejn il-partijiet.

Illi fil-gurisprdenza nostrali gie stabbilit li ghal dak li jirrigwarda vizzju ta' kunsens minhabba qerq kontemplat fil-**paragrafu (c) tal-Artikolu 19 (1)** iridu jirrikorru erba' rekwiziti:-

(i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

(ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

(iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u

(iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi f'dan is-sens wiehed jista' jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Farrugia vs Joseph Farrugia"** (P.A. 13 ta' Marzu 1995); **"David Buhagiar vs Roseanne nee' Maile"**, (P.A. 24 t'April 1995).

Illi infatti kiff gie osservat fis-sentenza tat-22 ta' Mejju 1995 fl-ismijiet **"John Borg vs Paula *sive* Polly Borg"** il-qerq bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg huwa limitat ghal *"meta dan ikun dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* F'sentenza ohra tat-18 ta' Ottubru 1995 fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Attard vs Robert Attard"** din l-Qorti qalet li *"l-legislatur Malti ghazel li jillimita l-qerq bhala kawza ta' nullita' taz-zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".* Il-Qorti ccitat lil gurista ***Castano*** dwar min jista' jkun l-agent tal-qerq:-

*"…… mentre la persona ingannata da dolo e' sempre una delle parti contraenti, e' invece irrelevante che l'agente o persona che inganna sia l'altro contraente; quindi l'agente che causa il dolo puo' essere una terza persona…..In definittiva, quello che conta e' che il dolus abbia influsso nel consenso, cjoe' che il consenso marimoniale provenga dall'errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso".* (***Castano, J.F.,*** **Il Sacramento del Matrimonio, Roma 1992, p.358**).

Illi mix-xhieda ta' Dr. Victor Shields u mir-rapporti minnu esibiti (Dok. "VS 3" u Dok. "VS 4") jirrizulta inekwovabilment li l-konvenut kellu anomalogija psikologika konsistenti f'perverzjoni sesswali msejha esibizzjonizmu liema anomalja psikologika kienet prezenti fil-konvenut sa minn mindu kien zghir u din kienet kundizzjoni dipendenti mit-trobbija tieghu.

Illi l-attrici xehdet li l-konvenut kien ammetta maghha li din il-kundizzjoni kien ilu jbaghti biha minn meta kellu tmintax-il sena u li huwa haseb li jekk jizzewweg kien ser isolvi din il-problema peress li kien ser ikun jista' jaghmel l-att sesswali kull meta jrid. Mill-provi rrizulta ampjament li din l-anomalija psikologika kienet ezistenti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg u li l-attrici ma kenitx a konoxxenza tal-ezistenza ta' din l-anomalija.

Illi kif tghid hi *stess "nghid li qabel iz-zwieg jien la ma kont naf b'din il-kundizzjoni u l-anqas qatt ma qbadtu"* u *"Jien*

*kont ingannata ghax kieku kont naf b'din il-problema ma kontx nizzewgu".* Jidher ukoll li din il-kwalita' tal-konvenut hija wahda oggettivament serja u hija wkoll kwalita' li mix-xorta taghha setghat tinfluwixxi, kif fil-fatt influwiet fuq il-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-attrici ghalhekk inkiseb b'qerq u dan il-qerq kien jirrigwarda kwalita' tal-parti l-ohra – l-anomalija psikologika konsistenti f'perverzjoni sesswali li kien ibaghti minnha l-konvenut – li mix-xorta taghha setghet tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Il-gurista ***Castano*** aktar il-fuq citat jghid hekk dwar il-kwalitajiet dwar il-parti l-ohra li jistghu jittiehdu in konsiderazzjoni:

*"Pero', a nostro avviso, non dobbiamo aspettare che la giurisprudenza indichi quali sono in concreto le qualita' che possino pertutrbare gravemente il consorzio coniugale. Anche la dottrina, anzi soprattutto la dottrina dovra' dire la sua parola in riguardo. Gl'autori hanno gia' incominciato a segnalare alcune di queste qualita'….volendo quindi elencare alcune di tali qualta', si potrebbero dire in linea di massima, le seguenti: (1) l'impossibilita' di raggiungere il bene dei coniugi, bene che e' spirituale, psichico, somatico, sociale, ecc; (2) l'incapacita' riguardo alla procreazione ed educazione della prole; (3) la sterilita'; (4) la gravidanza ab alio; (5) l'omosessualita'; (6) la tossicodipendenza; (7) <u>altre qualita' fisiche o morali; (8) gravi malattie, specie come direbbe il Bersini, 'se sono inguaribili o contagiose</u>'; (9) 'una vita scostumata e libertina'; (10) 'gravi precedenti penali, ecc.' ". (sottolinear tal-esponenti).*

Illi l-attrici nvokat ukoll il-**paragrafu (d) tal-artikolu 19 (1)** izda l-esponenti jidhrilha li ma tressqux provi sufficjenti li jindikaw, fuq bilanc ta' probabiltajiet, li l-anomalija psikologika li kellu l-konvenut kienet tali li rrendietha mpossibbli li huwa jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif jirrikjedi dan is-sub-inciz.

Illi f'dan ir-rigward l-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **"Samuela Lea Pavia vs John Pavia"** (P.A. 20 ta' Mejju 1996) u cjoe':-

*"Il-Qorti tosserva qabel xejn li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom. Id-dicitura wzata fil-**paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255** hi differenti minn dik uzata fil-paragrafu (c), li jitratta dwar dwar il-qerq, fejn l-espressjoni wzata 'hi kwalita' tal-parti l-ohra li <u>tista</u>' mix-xorta <u>tfixkel serjament</u> il-hajja mizzewga' (enfasi tal-Qorti). Minn dan jidher car li meta si tratta ta' 'doluz', huwa bizzejjed li l-kwalita li tkun giet mohbija …… bl-iskop li testorci l-kunsens ta' parti fiz-zwieg jkun fiha l-potenzjalita' li tfixkel serjament 'il cosorzio della vita coniugale'. Meta si tratta, izda tat-tieni parti tal-paragrafu (d), il-legislatur impona kriterji ferm aktar rigidi u ristretti . …… Il-ligi trid li l-anomalija li tkun ezistenti fil-mument tal-kunsens tkun tali li taghmilha mpossibbli ghal dik il-persuna li taqdi l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga".*

Illi hawn din il-Qorti ma taqbilx mal-istess perit legali fejn din sostniet li ghalkemm kienet tezisti din l-anomalija psikologika fil-mument taz-zwieg, pero' ma giex ppruvat li din il-kundizzjoni ghamlitha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi d-dmirijiet u l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi fl-opinjoni tal-Qorti jidher li l-konvenut f'dik il-kundizzjoni ma' setghax qatt jasal sabiex jikkomprendi x'inhuma l-obbligi tieghu taz-zwieg, inkluz il-fedelta' u lealta' lejn martu, u fil-fatt mill-provi prodotti u fuq citati jirrizulta li in verita' dan l-istess konvenut ma kienx kapaci jaghmlu, forsi mhux ghax irid izda minhabba il-kundizzjoni li jidher li kien afflitt biha. Anzi jinghad li jidher li l-konvenut kien jaghmel minn kollox sabiex ifittex is-sodisfazzjon tieghu minghajr ebda rimors kwalunkwe lejn is-siehba tieghu.

Illi din l-argumentazzjoni u motivazzjoni hija wkoll supplimentata mill-fatt li l-istess konvenut resaq ghaz-zwieg mal-attrici konxju ta' din il-kundizzjoni tieghu izda bl-isperanza li huwa jieqaf jaghmel dan, u dan kollu sar minghajr ma l-istess konvenut qatt svela xejn dwar dan lill-attrici. Fic-cirkostanzi li kien fihom il-konvenut qatt ma

kellu jew seta’ kellu idea fil-mument taz-zwieg tal-oneru li dan kien jinkombu fuqu, ghaliex fil-fatt jidher li kien propens li din il-kundizzjoni ssolvi ruhha wahedha, izda kif jidher car mill-provi prodotti certament li dan ma huwiex il-kaz.

Illi l-istess Dr. Victor Shields jiddefinixxi l-kundizzjoni li jbaghti minnha l-konvenut bhala *“anomalija psikologika severa”* u jghid ukoll li *“jehtieglu jaghmel sforzi psikologici kbar biex jeghleb dawn l-inklinazzjonijiet sesswali partikolari fuq imsemmija”,* u f’dan l-isfond din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-istess konvenut lanqas idea tar-responsabbiltajiet taz-zwieg ma kellu fil-mument li ta l-kunsens tieghu taz-zwieg, u certament dan jammonta ghan-nuqqas ta’ diskrezzjoni fil-kunsens tieghu fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha u d-dmirijiet u l-obbligi minnu naxxenti, u ghalhekk jidher li hemm raguni ohra sabiex tali talba ghan-nullita’ taz-zwieg tintlaqa’ abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi ghal dawn ir-ragunijiet hawn fuq imsemmija, il-Qorti tiddikjara li z-zwieg celebrat mill-partijiet ft-8 ta’ April 1989 ghandu jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (c) u (d) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255**.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tat-8 t’April 1989 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (c) u (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------